MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 84/2006

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**(1) Tarujo Limited; u**
**(2) Anthony Frendo u martu Josephine Frendo fil-kwalita` taghhom bhala garanti solidali ta' l-istess Tarujo Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikkorrenti li bih wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` intimata, kif irrapprezentata mill-intimati konjugi Frendo, permezz ta' skrittura datata 20 ta' Frar, 1996 (Dok. A), ffirmata bejn l-istess intimati u rapprezentant tas-socjeta` Mid-Med Bank Limited, li taghha s-socjeta` rikorrenti assumiet l-assi u l-obbligi kollha f'Malta, hadet b'self is-somma ta' sitt elef Liri Maltin

(Lm6,000.00), liema self illum ghandu n-numru tal-kont 087-051595-300;

Illi in forza ta' l-istess skrittura, l-intimati konjugi Frendo ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali tas-socjeta` intimata Tarujo Limited, u dan skond kif jirrizulta mill-iskrittura annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Illi s-socjeta` intimata hija moruza fil-pagamenti mensili illi obbligat ruhha illi kellha teffettwa versu dan is-self, u fil-fatt hemm il-bilanc x'jithallas mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tliet elef, seba' mija u wiehed u ghoxrin Lira u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm3,721.21), liema ammont jinkludi s-somma ta' seba' mija u tmien Liri u disgha u sebghin centezmi (Lm708.79) bhala imghaxijiet kapitalizzati sas-27 ta' Gunju, 2005 u dan skond kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi s-socjeta` intimata, kif irrapprezentata mill-intimati konjugi Frendo, permezz ta' skrittura ohra datata 24 ta' Lulju, 1998 (Dok. C) ffirmata bejn l-istess intimati u rapprezentant tas-socjeta` Mid-Med Bank plc, li taghha s-socjeta` rikorrenti assumiet l-assi u l-obbligi kollha f'Malta, hadet b'self is-somma ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000.00), liema self illum ghandu n-numru tal-kont 087-051595-340;

Illi in forza ta' l-istess skrittura, l-intimati konjugi Frendo ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali tas-socjeta` intimata Tarujo Limited, u dan skond kif jirrizulta mill-iskrittura annessa u mmarkata bhala Dok. C;

Illi s-socjeta` intimata hija moruza fil-pagamenti mensili illi obbligat ruhha illi kellha teffettwa versu dan is-self, u fil-fatt hemm il-bilanc x'jithallas mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tliet elef, tmien mija u disgha u tmenin Lira u wiehed u tmenin centezmi (Lm3,889.81), liema ammont jinkludi s-somma ta' sitt mija u disghin Lira u ghaxar centezmi (Lm690.10) bhala imghaxijiet kapitalizzati sas-27 ta' Gunju, 2005 u dan

skond kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. D;

Illi kwindi l-intimati huma debituri *in solidum* lejn is-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' sebat elef, sitt mija u hdax-il Lira u zewg centezmi (Lm7,611.02);

Illi s-socjeta` intimata giet interpellata sabiex thallas dan id-dejn permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2002 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. E), izda baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti dan id-dejn huwa cert, dovut, u likwidu, u l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet rikorrenti;

Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti tablet li l-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Taqta' u tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tiddikkjara illi l-intimati huma debituri *in solidum* tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' sebat elef, sitt mija u hdax-il Lira u zewg centezmi (Lm7,611.02);

(3) Tikkundanna l-intimati *in solidum* sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta' sebat elef, sitt mija u hdax-il Lira u zewg centezmi (Lm7,611.02), bl-imghaxijiet legali kkalkolati mit-28 ta' Gunju, 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 2002, u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 112/2006 pprezentat fit-23 ta' Jannar 2006, kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti;

Rat in-nota ta’ Dr Norma Vella ghall-intimati tat-2 ta’ Marzu 2002 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-intimati permezz ta’ nota tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors b’dan illi:

(2) Tiddikkjara illi l-intimati huma debituri *in solidum* tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' sebat elef, sitt mija u hdax-il Lira u zewg centezmi (Lm7,611.02);

(3) Tikkundanna l-intimati *in solidum* sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta' sebat elef, sitt mija u hdax-il Lira u zewg centezmi (Lm7,611.02), bl-imghaxijiet legali kkalkolati mit-28 ta' Gunju, 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 2002, u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 112/2006 pprezentat fit-23 ta' Jannar 2006, kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------